MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1027/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**MARK CEFAI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mark Cefai, ta' 39 sena, iben Antoine u Maria Dolores nee'Cilia, mwieled Sliema, nhar l-1 ta' Frar 1972, residentigewwa 72, Triq il-Katakombi, Marsaskala, detentur tal-Karta ta' l-Identita 67872(M) .

Billi hu akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti bejn is-sena 2002 u is-sena 2011, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab Triq il-Kunvent Haz-Zabbar, ikkommettejt serq ta’mobile phone tal-marka Nokia, ghad-detriment ta’ Sylvana Mifsud liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli;

2. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab Triq il-Kunvent Haz-Zabbar, ikkommettejt serq ta’mobile phone, ghad-detriment ta’ Brian Sammut liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli;

3. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab Triq il-Kunvent Haz-Zabbar, ikkommettejt serq ta’60 Euros, ghad-detriment ta’l-istess Dipartiment liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli;

4. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab Triq Sir Adrian Dingli tas-Sliema, ikkommetejt serq ta’ zewg mobile phones tal-marka Nokia, ghad-detriment ta’ Mariella Camilleri liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli;

5. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab Triq Sir Adrian Dingli tas-Sliema, ikkommettejt serq ta’mobile phone tal-marka Motorola li kien jiswa LM 150 u wallet li kien fih LM 100, ghad-detriment ta’ Christine Farrugia liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-pesuna u aktar talli;

6. Minn gewwa l-hanut bl-isem ta’ Falzon Store li jinsab Triq Sir Adrian Dingli kantuniera ma Triq Nathalie Puotatin Tabone tas-Sliema, ikkommettejt serq ta’ LM 200, ghad-detriment ta’ Rinaldo Falzon liema serq huwa aggravat bil-valur u aktar talli;

7. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab triq il-Kampanella Fgura ikkommettejt serq ta' zewg mobile phones, ghad-detriment ta' Marisa Farrugia liema serq huwa aggravat bil-valur u bil- persuna u aktar talli;

8. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab Triq il-Kampanella Fgura ikkommettejt serq ta' zewg mobile phone, ghad-detriment ta' Felix Salerno liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna u aktar talli;

9. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali li jinsab Triq il-Kampanella Fgura ikkommettejt serq ta' LM 50, ghad-detriment ta' l-istess Dipartiment liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli;

10. Minn gewwa l-ufficini tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ta' rahal Gdid ikkommettejt serq ta' LM 80, ghad-detriment ta' l-istess Dipartiment liema serq huwa aggravat bil-persuna u aktar talli;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta'htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta'spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammisjoni tal-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Mark Cefai** hati skond l-akkuza , u wara li rat l-Artikoli, 261,267, 268,279, 280, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ *Probation* ghall-perjodu ta’ tlett snin (3), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew Probation Officer iehor minnu nominat. Il-*Probation Officer* nominat ghandu jirraporta lill-Qorti kull sitt xhur fuq l-andament ta’ l-imputat. In oltre il-Qorti tqieghed lill-imputat that *Treatment Order* that il-kura tal-Psikjatra Dr. Anton Grech u dan ghal perjodu ta’ sentejn (2), liema Psikjatra ghandu ifassal pjan ta’ kura ghal l-istess imputat, u jinformata lil Qorti fi zmien gimghatejn kemm il-darba l-imputat ma jkunx isegwi dan il-pjan.

Il-Qorti tirrakomanda in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u rakkomandazzjonijiet kontenuti fil-*pre sentencing report* illi l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu.

Din il-Piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-informazzjoni kontenuta fil-*pre sentencing report*.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services* u lill-Psikjatra Dr. Anton Grech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------